**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA 29 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 103/02 AJD**

**Casapinta Design Group Ltd.**

**vs**

**Feelings Enterprises Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Jannar, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u hamsin lira Maltin u erbghin centezmi (Lm156.40), rappresentanti servizzi resi lis-socjeta' konvenuta fil-"Dot.Com Fair", skond invoice 6164.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' Lm5.00 ghall-ittra legali tal-15 ta' Novembru, 2001, u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tal-fattura relattiva, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Carlo Bisazza, ghas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u sitta u hamsin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm156.40), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**